MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2004

Appell Civili Numru. 2404/1997/1

**Carmen Taliana**

**vs**

**Leonard Vassallo Cesareo, Christopher Vassallo Cesareo u Francesca mart Stephen Cassar**

**Il-Qorti,**

Fil-11 ta' April 2003 l-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' elf lira Maltin (Lm1,000) dovuti bhala bilanc ta' prezz t' abbiljamenti mixtrija mill-hanut bl-isem "Carmen's Boutique" ta' 335, Manoel Dimech Street, tas-Sliema, gestit mill-attrici liema

abbiljamenti kienu nxtraw minn Anna Vassallo Cesareo li llum tinsab nieqsa, mart u omm il-konvenuti respettivament.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datata 30 ta' April 1997 u tal-Mandat ta' Qbid, bl-imghaxijiet legali mill-4 ta' Novembru 1996 kontra l-konvenuti li gew ingunti biex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti, fejn eccipew illi:

1 Isem wiehed mill-konvenuti, u cioe Leone Vassallo Cesareo, huwa inkorrett;
2 M'hemm ebda ammont dovut mill-konvenuti stante li Anna Vassallo Cesareo ma hallietx djun;
3 Salvi eccezzjonijiet ohra

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti fejn eccipew illi:

1 Is-somma mitluba thallset zmien ilu;
2 Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-kontro talba tal-konvenuti permezz ta' liema wara li ppremettew illi:
1 Anna Vassallo Cesareo, li mietet fl-1 ta' Dicembru 1996 u li kienet tigi mart il-konvenut Leonard Vassallo Cesareo u omm iz-zewg konvenuti l-ohra, kienet tixtri xi hwejjeg minghand l-attrici;
2 U peress illi wara li mietet l-imsemmija Anna Vassallo Cesareo, l-attrici kienet infurmat lill-konvenuti illi l-istess Anna Vassallo Cesareo kellha taghtiha elf mitejn u disgha u hamsin lira in linea ta' prezz jew bilanc ta' prezz ta' hwejjeg;
3 U peress illi l-konvenuti hallsu lill-attrici mitejn u disgha u hamsin lira akkont;
4 U peress illi sussegwentement irrisulta li s-somma ta' elf mitejn u disgha u hamsin lira kienu gia mhallsa kollha lill-attrici minn Anna Vassallo Cesareo u l-attrici kienet irrilaxxat ricevuta li ggib id-data ta' l-4 ta' Novembru 1996;

5 U peress illi ghalhekk il-konvenuti hallsu indebitament lill-attrici is-somma ta’ Lm259 li ghaliha saret riferenza aktar il-fuq;
Talbu li din il-Qorti:
(a) tiddikjara u tiddecidi illi s-somma il-fuq imsemmija ta’ mitejn u disgha u hamsin lira giet indebitament imhallsa lill-attrici mill-konvenuti; u
(b) li konsegwentement tikkundanna lill-attrici thallas lill-konvenuti din is-somma ta’mitejn disgha u hamsin lira;
Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-attrici, ngunta ghas-subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta’ Marzu tas-sena 2000 fejn l-attrici ikkontestat il-kontro talba.

Semghet ix-xhieda li gew prodotti;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi bl-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut gie rikonoxxut il-kreditu tal-attrici fis-somma ta LM1259 izda jirribattu li dan l-ammmont gie mhallas, anke in eccess, u bi prova ta tali hlas ghamlu riferenza ghad-dokument fil-pussess taghhom u minnhom esibit bhala dok VC 6 (a fol 64 tal-process).

Infatti fis-seduta tal-1 ta’ Marzu tas-sena 2000 il-partijiet qablu illi sa Novembru tal-1996 il-bilanc li kien dovut lill-attrici Carmen Taliana, kien effettivament ta’ Lm1,259 (elf mitejn u disgha u hamsin lira Maltin); izda fil-waqt illi l-konvenuti sosstnu illi dan il-bilanc kollu kien mhallas fl-4 ta’ Novembru 1996, u ghalhekk kull pagament sussegwenti kien sar indebitament, l-attrici sosstni illi fl-4 ta’ Novembru tal-1996 ma rceviet ebda pagament izda kienet biss intimat lid-debitrici Anna Vassallo Cesareo illi l-bilanc li dak in-nhar kien ghadu dovut minnha kien jammonta ghal Lm1,259 (elf mitejn u disgha u hamsin lira Maltin).

Fi kliem iehor l-attrici ssostni illi d-dokument CT9 (a fol 42 tal-process li huwa kopja tal-original dok VC 6 a fol 64 tal-process).), huwa effettivament ‘statement’ jew rendikont ta’ dak li kien ghadu dovut u ma hux ircevuta ta’ xi hlas li kien sar dak in-nhar.

Ma hemmx kontestazzjoni da parti tal-konvenuti illi huma ilkoll ‘*in solidum’* bejnithom, jew bhala kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti gia’ esistenti bejn il-konjugi Vassallo Cesareo jew bhala eredi ta’ Anna Vassallo Cesareo, huma obbligati li jghamlu tajjeb ghad-debiti li jistghu jirrizultaw ta’ l-istess Anna Vassallo Cesareo.

Lanqas ma tirrizulta kontestata l-allegazzjoni tal-konvenuti illi fil-fatt wara Novembru tal-1996, kienu ghamlu pagament ta’ Lm259 (mitejn disgha u hamsin lira Maltin) rikkonoxxut li sar fid-dokument CT1 tas-17 ta’ Marzu tal-1997, (v. fol. 33 tal-process)

Ghaldaqstant dak li trid tistabilixxi l-Qorti ghal finijiet tat-talba u l-kontro talba jirrigwarda n-natura guridika ta’ dokument VC 6 (a fol 64 tal-process) u jekk l-istess dokument jikkostitwix ricevuta ta’ pagament li kien sar dak in-nhar jew jekk jikkostitwix statement jew rendikont kif qed issostni l-attrici.

F’dan l-ezami, oltre ghad-dokument fih innifsu u il-kliem miktub fuqu, il-Qorti trid toqghod iktar attenta ghad-diversi dettalji w cirkostanzi tal-kaz biex tista’ tistabbilixxi il-vera portata tieghu u dan peress illi n-negozju li ghalih jirreferi l-istess dokument kien eskludi l-konvenuti odjerni u kien isir esklussivament bejn l-attrici u Anna Vassallo Cesareo li, stante il-mewt taghha, ma setghatx  tghati l-verzjoni taghha dwar dak li verament gara kwasi xahar qabel il-mewt taghha fl-1  ta’ Dicembru 1996.

Evidentement l-ewwel ezami li jrid isir huwa tad-dokument innifsu sabiex fl-ewwel lok jigi stabbilit jekk dan effettivament jistghax jigi meqjus li jindika rcevuta kif qed isosstnu l-konvenuti.  Ghandhu jinghad ukoll mill-ewwel illi d-dokument fih inniffsu ma jindikax espressament li jistgha

jikkostitwixxi xi ricevuta ta xi hlas li sar dak inhar u ghalhekk jispetta lill-konvenuti biex jippruvaw xi sinifikat ulterjuri tal-kliem miktub u dan evidentement billi jghatu wkoll xi indizji ohra li jistghu jindikaw li effettivament dak inhar kien sar xi hlas.

Minn ezami dettaljat tal-original tal-istess dokument (esibit a fol 72 tal-process u mmarkat dokument LVC1) jirrizulta illi l-karta li ntuzat kienet karta li normalment tintuza meta jinxtraw oggetti li l-hlas taghhom isir dak il-hin, kif miftihem bil-kelma ‘Cash Sale’, izda f’din l-okkazzjoni l-kelma Cash Sale kienet giet ikkancellata u ghalhekk il-karta ghandha titqies sempliciment bhala fuljett bil-letter head ta’ “CARMEN’S” li huwa l-isem tal-hanut tal-attrici.

Il-kliem li l-konvenuti sosstnu huma indikattiv ta’ rcevuta huma l-kliem *To Bal.*, ossia *to balance*, bis-somma Lm1,259 (elf mitejn u disgha u hamsin lira Maltin) imnizzla hdejn dan il-kliem u taht l-attrici ziedet il-kliem “*many thanks”* bil-firma ‘Carmen’ taht nett.

Ghalhekk m’hemm l-ebda kelma jew kliem li wahedhom jindikaw xi pagament , bhalma jkunu l-kliem precizi ‘*received payment’, ‘received’* jew ‘*pai*d’. Il-kliem uzat huwa ‘to balance’ fejn il-kelma ‘*balance’* normalment tfsser indikazzjoni ta’ s-somma li tkun ghadha dovuta. Izda bi’z-zieda tal-kelma “*to*” wiehed jista jippretendi li issa gie’ sottointiz xi hlas mghamul ‘to balance’? Sincerament jekk wiehed irid ifettaq dan mhux l-uniku sinifikat li jista’ jinghata lill-kelma *“to”*; daqs tant wiehed jista jinterpreta iz-zieda tal-kelma ‘*to*’ bhala li huwa sottointiz li biex tibbilancja id-debitrici kien ghad baqghalha xi thallas somma ta LM1259. Infatti kieku verament kien sar pagament ta LM1259 fl-4 ta Novembru 1996 il-bilanc kien ikun zero.

Izda oltre il-kliem ’to balance’, illi skond il-fehma ta’ din il-Qorti b’ebda mod meta meqjus wahdu ma jindika xi pagament, l-attrici ziedet il-kliem ‘*many thanks’* u iffirmat ‘*Carmen*’.

Ovvjament il-kliem 'many thanks' huma forma ta' ringrazzjament lis-Sinjura Vassallo Cesareo lil min id-dokument huwa indirizzat'; izda dan ir-ringrazzjament ghandhu jitqies definitivament dirett ghal xi pagament, jew jista jkun ringrazzjament ghal fatt illi Anna Vassallo Cesareo kienet clienta regolari tal-attrici?

Billi l-kliem '*many thanks'* jigi ndikat regolarment f'korrispondenza kummercjali mhux esklussivament f'ircevuti izda wkoll fl-ispedizzjoni ta kontijiet bhala forma ta' etiketta kummercjali, din il-Qorti hija iktar propensa li taccetta l-verzjoni tal-attrici, sorretta minn dik ta' Gina Mercieca, illi effettivament il-kliem 'many thanks' ma kienux imnizzlin biex jissinifikaw ringrazzjament ta' xi pagament, izda kienu kliem li ghandhom jittiehdu fis-sens ordinarju taghhom ta' ringrazzjament lill-klienta tal-attrici ghan-negozju li kienet taghmel maghha.

Dan in segwitu huwa kkonfermat mill-fatt illi d-dokument ma giex iffirmat bil-firma solita u ufficjali tal-attrici kif soltu taghmel fuq dokumenti illi m'ghandhomx in-natura personali u li huma strettament ta' natura kummercjali, kif indikat f'dokument VC3 (a fol 61 tal-process) u dokument CT2 (a fol 35 tal-process).

Infatti n-nota in kwistjoni giet iffirmata sempliciment bl-isem Carmen u ghalhekk dana ghandhu jsahhah il-fehma illi dan id-dokument ghandhu jitqies biss bhala nota personali mibghuta mill-attrici, ansjuza li tithallas, lill-klienta taghha li kienet fi stat ta sahha prekarju, fejn intimatilha, bl-ettiketta li soltu tuza, illi kien ghad baqa' bilanc ta' Lm1, 259 (elf mitejn u disa' u hamsin lira Maltin) li kien ghad irid jithallas.

Lanqas ma jistghu dawn iz-zewg indizji fl-imkien, fl-assenza ta' kwalunkwe kelma li tista' tissinifika hlas, jindikaw li l-istess dokument ghandhu jigi interpretat bhala xi ricevuta ta' xi pagament li setghet ghamlet Anna Vassallo Cesareo fl-4 ta' Novembru tal-1996.

Kien ikun utili ghall-konvenuti kieku ippruvaw xi cirkostanzi ohra li setghu jindikaw il-hlas minnhom allegat.

Infatti l-konvenuti jidhru li eskludew il-fatt illi l-pagament tal-4 ta' Novembru setgha sar minn Anna Vassallo Cesareo personalment. Il-konvenuta Francesca Cassar, fid-deposizzjoni taghha, tindika biss, bhala possibilita ta' pagament, il-fatt biss illi f'dawk iz-zmienijiet kienet ikkonsenjat envelope moghti lilha minn omma, d-debitrici, lill-attrici Carmen Taliana, izda ma kiinetx giet informata bil-kontenut tal-istess envelope.

Jekk dan kien xi pagament dan presumibilment sar fi flus kontanti peress illi l-konvenuti qed iserrhu l-allegazzjoni taghhom ta pagament esklussivament fuq dokument wiehed, dak tal-4 ta Novembru 1996 u mhux fuq xi cheque jew operazzjoni bankarja jew fuq xi titolu ta kreditu.

Ghalhekk jekk Anna Vassallo Cesareo ikkonsenjat envelope b'Lm1,259 (elf mitejn u disa' u hamsin lira Maltin) fi flus kontanti lil bintha biex tghadih lill-attrici ghas-saldu tal-kreditu taghha, wiehed jippresummi illi l-busta kienet tiehu iktar il-forma ta pekkett u illi d-debitrici kienet ukoll tintima lill-bintha biex tottjeni rcevuta wkoll ghas-saldu ta' kull ammont li kien dovut u issa mhallas. Izda la jirrizulta li l-attrici fethet il-busta quddiem Francesca Cassar u ebda tali ricevuta ma kienet giet rilaxxjata mill-attrici dak il-mument u d-dokument tal-4 ta' Novembru tal-1996 a fol 72 (tal-process) kien wasal ghand il-konvenuti f'cirkostanzi ohra.

Inoltre d-dokument LVC 2 a fol 73 (tal-process) esibit mill-konvenuti biex jirribattu allegazzjoni tal-attrici illi hija ma kienetx tezigi firem meta Anna Vassallo Cesareo kienet tixtri *on credit*, huwa indikattiv ukoll illi l-attrici kienet di solitu, tindika l-ammont dovut lilha bil-kliem 'to balance 'kif effettivament uzathom fin-nota tal-4 ta' Novembru tal-1996.

Ghaldaqstant issib illi ma jesiztux indizji sufficjenti li jistghu jwasslu lill-Qorti biex tikkunsidra illi n-nota tal-4 ta' Novembru 1996, tista' titqies bhala li tfisser xi haga ohra oltre dak illi huwa indikat fuqha; cioe' li l-bilanc dovut minn

Anna Vassallo Cesareo lil “Carmen’s” f’dik id-data kien ta’ Lm1,259 (elf mitejn u disa’ u hamsin lira Maltin) u li din kienet nota personali anke ta ringrazzjament mibghuta mill-attrici lill-klijenta taghha iffirmata informalment bl-isem biss *Carmen.*

Ghaldaqstant issib illi t-talba attrici kif kontenut fl-avviz hija gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qedgha ghalhekk tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex in solidium bejnithom ihallsu lill-attrici s-somma mitluba ta’ Lm1,000 ghar-ragunijiet indikati fl-avviz u konsegwentement qedgha tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tichad il-kontro talba taghhom, bl-imghaxijiet legali b’effett mill-4 ta’ Novembru tal-1996;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti in solidium bejniethom.”

Il-konvenuti appellaw minn din is-sentenza u talbu r-revoka taghha fuq ir-ragonament illi kellhom jigu, invece, milqugha l-eccezzjonijiet u l-kontro-talba taghhom. Huma jikkritikaw kemm l-apprezzament fattwali li sar mill-ewwel Qorti kif ukoll il-gudizzju taghha fir-rigward tad-dokument ikkontestat. B’ aggravju iehor jobbjettaw ghall-fatt li dik il-Qorti kkundannathom solidalment;

Minn naha taghha l-attrici tirribatti illi l-fatti gew korrettement apprezzati mill-ewwel Qorti u l-konkluzjoni taghha hi ghalhekk inattakkabbli. Kwantu ghall-obbjezzjoni l-ohra sollevata mill-appellanti kontra s-sentenza appellata tavvanza b’ argoment illi l-appellanti ma ssollevawx il-punt quddiem l-ewwel Qorti b’ mod li jitolbu eskluzjoni tar-responsabilita` solidali u ghalhekk, issa, f’ dan l-istadju ta’ l-appell, in virtu ta’ l-Artikolu 732 (1) tal-Kapitolu 12, tali eccezzjoni ma tistax tigi sollevata;

Kif jirrizulta mill-fatti tal-kaz, l-attrici qed tippretendi li ghadha dovuta lilha s-somma bilancjali ta’ elf lira Maltija (Lm1000) ghall-bejgh u konsenja ta’ abbiljament lil Anna Vassallo Cesareo, mart il-konvenut Leonard Vassallo

Cesareo u omm il-konvenuti l-ohra. Ghal din id-domanda l-konvenuti appellanti jikkontrapponu permezz ta' zewg noti separati ta' Eccezzjonijiet (fol. 5 u fol. 22) il-hlas. Biex isostnu din id-difiza taghhom huma jistriehu fuq il-portata tad-dokument esebit mill-konvenut Leonard Vassallo Cesareo a fol. 72, b' kopja tieghu esebita wkoll mill-attrici a fol. 64;

B' introduzzjoni ghas-suggett ezaminat din il-Qorti tibda biex taghmel dawn l-osservazzjonijiet preliminari:-

(1) Ibda biex trattasi ta' sitwazzjoni fejn id-debitur principali jkun decess, il-Qorti jehtiegilha timxi b' aktar cirkospezzjoni fl-gharbiel taghha tal-provi;

(2) *Qua* kreditrici, l-attrici hi fid-dmir li tipprova li jezisti debitu, li dan id-debitu ghadu dovut, u li d-debitrici taghha baqghet inadempjenti fil-hlas. Hu biss meta tigi realizzata u sodisfatta din il-prova illi mbaghad l-oneru jisposta fuq il-konvenuti debituri li jallegaw il-pagament. Dan il-principju ghandu l-fondament tieghu fuq il-bazi li kulhadd ghandu jipprova l-allegazzjonijiet tieghu. Kif deciz, "fil-kaz ta' konflitt serju bejn il-kontendenti fuq il-provi nkombenti rispettivament lilhom, cioe, l-attur l-esigibilita` u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, in-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizja ta' l-ewwel u jibqa' dejjem jimpera l-principju '*actore non probante reus absolvitur*'" - "**Manuel Zerafa -vs- Nazzareno Muscat Scerri**", Qorti Civili, Prim' Awla, per Imh. Maurice Caruana Curran, 27 ta' Mejju 1970;

(3) Ghalkemm "*la prova del pagamento è a peso del convenuto che lo allega*" (**Kollez. Vol. X pagna 825**), tali prova tista' ssir mhux biss permezz ta' ricevuta imma anke b' mezzi ohra (**Kollez. Vol. XXXVII P I p 525; "Joe Chetcuti *et* -vs- Joseph Pearson *et nomine*"**, Appell, 5 ta' Ottubru 1998). Jigifieri b' dawk il-mezzi ammessi u rikonoxxuti mid-dritt probatorju kemm b' provi diretti, bhala dokumenti, xhieda u l-konfessjoni tal-kreditur, kif ukoll bi provi ndiretti bhal ma huma l-presunzjonijiet u l-indizji li kapaci jikkonvincu lill-gudikant (**Kollez. Vol. XLIII P II p 624**);

Dan premess, ma jidherx li f’ dan il-kaz jokkorru dawk il-mezzi l-ohra probatorji. Dan ghaliex skond l-appellanti d-dokument surreferit a fol. 64 u 72 ghandu l-impronta ta’ ricevuta u huma, b’ mod esklussiv, qed jistriehu proprju fuqu ghas-sosteniment tad-difiza taghhom tal-pagament;

Din il-Qorti ezaminat bid-dovuta reqqa dan l-imsemmi dokument u bhall-ewwel Qorti hi tal-ferma konvinzjoni li dan ma jikkostitwix prova konvincenti tal-fatt estintiv ta’ l-obbligazzjoni assunta mid-defunta debitrici u allura ma jistax iservi ta’ xi prova awtentika tal-pagament. Effettivament, din il-Qorti ma ssib xejn x’ ticcensura fl-interpretazzjoni minizzjuza li l-ewwel Qorti akkordat lil dan id-dokument, u similment hi tal-fehma li dan ma jaghmelx prova ammissibbli tat-tifsir jew raguni tal-fatt tal-hlas sostenut mill-konvenuti. Bizzejjed jigi rilevat illi fuqu ma nsibu l-ebda kitba li ticcertifika li l-pagament effettivament sar - *ad exemplum,* l-annotazzjoni “*paid*” jew xi kelma ekwivalenti ohra fuq l-istess fattura ntestata lid-debitrici - u allura dokument priv minn simili annotazzjoni ma jistax jiswa bhala ricevuta;

Jissokta imbaghad jigi osservat illi l-istess dokument, ghalkemm certament jaghmel prova tal-fatt li bejn l-attrici u d-defunta kien jezisti rapport guridiku ta’ kompravendita, ma jaghmelx prova integranti ta’ xi kwittanza. Fil-fatt din il-Qorti m’ ghandhiex dubbju li l-annotazzjoni “*many thanks*”, konsiderata fil-kumpless ta’ l-annotazzjoni l-ohra “*To Balance*” u l-kancellament tal-kliem “*Cash Sale*”, ma tistax tinghata sinifikat iehor hlief dak tal-previzjoni tal-pagament sperat li jsirilha (lill-attrici);

Dan maghdud, ghandu jinghad b’ riflessjoni ohra, dejjem f’ dan l-istess kuntest, illi hu principju ferm san illi l-annotazzjonijiet fuq dokument huma inxindibbli. Dan fis-sens illi min ikun irid jipprevalixxi ruhu minnhom ma jistax jaghmel dan billi jittanta javvalora ruhu minn dawk il-partijiet biss tieghu, ghalih konvenjenti, u jwarrab dawk l-ohra li jkunu jidhru pregudizzjevoli ghat-tezi tieghu;

In bazi ghall-premess, kompriz il-konsiderazzjonijiet kollha li saru mill-ewwel Qorti li maghhom din il-Qorti taderixxi, l-aggravju fuq dan il-punt ma jistax jigi akkolt;

Riferibbilment ghat-tieni aggravju jidher li dan hu sew sostenut fil-ligi. Huwa fil-fatt principju stabbilit fl-Artikolu 1113 (2) tal-Kodici Civili illi l-indivizibilita ta' l-ezekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni, li jsemmi s-subinciz (1) ta' dak l-artikolu, mhix applikabbli fil-konfront ta' l-eredi tad-debitur, salvi l-eccezzjonijiet specifikati fl-Artikolu 1114 li jsegwih. Kif jinsab stipulat f' dan il-kaz l-eredi ma jkunux obbligati jhallsu d-dejn hlief fl-ishma li jmissu lilhom. Jew fl-ishma li ghalihom huma obbigati in rapprezentanza tad-debitur. Ankorke l-kreditur pretendent ma jkunx talab il-kundanna skond ir-rispettivi kwoti, u ankorke l-ebda eccezzjoni ma giet sollevata f' dan il-kuntest, huwa bil-wisq elementari u intwittiv illi l-Qorti adita hi fid-dmir li ssegwi l-ligi u tapplikaha fejn hekk tokkorri. Dan, indipendentement min-nuqqas ta' l-attenzjoni dwarha mill-kontendenti;

Gjaladarba, kif hekk jidher li hu l-kaz hawnhekk, ma jirrizultax li tikkonkorri ebda wahda mill-eccezzjonijiet preskritti fl-Artikolu 1114 tal-Kodici Civili, u lanqas li xi wiehed jew izjed mill-konvenuti assumew, fil-konfront ta' l-attrici appellata, li jiskontraw id-dejn kollu in kwistjoni, hu l-kaz li din il-Qorti tapplika d-dispost ta' l-Artikolu 1113 (2) fuq surreferit. In konsegwenza, l-konvenut Leonard Vassallo Cesareo hu tenut li jhallas nofs (hames mitt lira) l-ammont reklamat bhala kompartecipi fil-komunjoni ta' l-akkwisti li kienet vigenti bejnu u martu (ara Artikolu 1327, Kodici Civili) filwaqt li r-rimanenti somma ta' hames mitt lira tigi sopportata mill-konvenuti l-ohra, *qua* eredi tad-defunta ommhom, fil-kwota ta' nofs kull wiehed u wahda minnhom.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, filwaqt li tichad l-ewwel aggravju u b' hekk tikkonferma s-sentenza appellata fil-meritu, timmodifika l-istess sentenza fil-parti kundannatorja taghha. Dan fis-sens li tikkundanna lill-konvenut Leonard Vassallo Cesareo ihallas n-nofs tas-somma reklamata (Lm500) *qua* kompartecipi tal-

komunjoni ta’ l-akkwisti gja ezistenti bejnu u d-defunta martu Anna Vassallo Cesareo. Il-kumplament tas-somma titbata kwantu ghal mitejn u hamsin lira (Lm250) kull wiehed u wahda mill-konvenuti l-ohra, ulied u eredi prezuntivi ta’ l-imsemmija Anna Vassallo Cesareo;

Salv ghall-ispejjez u dritt tar-Registru li jibqghu a kariku ta’ l-appellanti, il-kumplament ta’ l-ispejjez ta’ din l-istanza jigu sopportati kwantu ghal tliet kwarti (3/4) mill-konvenuti appellanti u kwantu ghall-kwart (1/4) mill-attrici appellata. Dawk ta’ l-ewwel istanza jibqghu kif decizi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------